



Dokument ta' sessjoni

B9-0155/2023

17.2.2023

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar it-tneħħija tas-sanzjonijiet fuq is-Sirja għal skopijiet umanitarji

Francesca Donato, Gunnar Beck, Clare Daly, Stasys Jakeliūnas, Gilles Lebreton, Thierry Mariani, Mick Wallace, Tatjana Ždanoka

B9-0155/2023

Mozzjoni għal rizzoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar it-tneħħija tas-sanzjonijiet fuq is-Sirja għal skopijiet umanitarji

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi fit-13 ta' Frar 2023 il-Kummissjoni għamlet dikjarazzjoni lill-Parlament dwar ir-rispons tal-UE għas-sitwazzjoni umanitarja wara t-terremot fit-Turkija u fis-Sirja;
- B. billi fit-30 ta' Mejju 2022, il-Kunsill ġedded il-miżuri restrittivi tal-UE kontra r-reġim Sirjan b'sena oħra, sal-1 ta' Ġunju 2023;
- C. billi s-Sirja nqerdet mill-gwerra ċivili u kienet qed tbat i saħansitra qabel it-terremot terribbli li laqat ir-reġjun tal-Majjistral tagħha fis-6 ta' Frar 2023;
- D. billi t-tkomplija tal-embargo tkun t-fisser li jiżdiedu aktar fatalitajiet mal-eluf ta' vittmi li jinsabu taħt it-tifrik, peress li s-Sirja ma titħalliex tirċievi l-għajnuna umanitarja u ekonomika meħtieġa biex tiġi indirizzata traġedja ta' tali kobor;
- 1. Jinnota li s-sanzjonijiet ma kellhomx l-effetti maħsuba u li l-konsegwenzi tagħhom diġà ħallew impatt serju fuq il-poplu tas-Sirja;
- 2. Jistieden lill-UE tneħħi s-sanzjonijiet tagħha kontra s-Sirja u tagħmel dak kollu li tista' biex tgħin lill-poplu tas-Sirja, speċjalment fiż-żoni devastati mit-terremot;
- 3. Jagħti i-struzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-rizzoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-awtoritajiet Sirjani.